**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 13**
**Rik. Gur. Nru. 646/16 JZM**

**L-Avukat Dottor Rachel Tua (KI 134382M) bhala mandatarju specjali f`isem, Sean McBride, (bin-numru tal-Passaport Irlandiz (R 354156) direttur ta` Spring Fish Co Ltd (C 44941) irregistrata f`Malta**

***kontra***

**Eamon Diver direttur ta` Passaport Irlandiz (PS 1791777) u Joseph Anthony O`Connor (KI 0055088A)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-2 ta` Awwissu 2016 li jaqra hekk :–

*1. **ILLI** l-fatti dedotti f`dan ir-rikors huma dedotti fuq informazzjoni li nghatat lill-mandatarju specjali f`isem Sean McBride, l-Avukat Rachel Tua.*

*2. **ILLI** fis-sena 2008 giet inkorporata bl-isem Spring Fish Co Ltd, registrata gewwa Malta, bin-numru ta` registrazzjoni C 44941, fejn skont il-memorandum u l-artikoli ta` assocjazzjoni (hawn annessi u mmarkati bhala Dok M1) id-diretturi kienu l-attur Sean Mc Bride u l-konvenut Eamon Diver, u dan f`ishma ndaqs bejniethom.*

*3. **ILLI** sa fejn taf l-attrici, l-assi tas-socjeta` Spring Fish Co Ltd jikkonsistu biss mill-bastiment Berendina Hermina (IMO nu 8121537) – li ghandha bandiera Maltija. (Ara Dok HB 1 hawn anness).*

*4. **ILLI** fid-data tat-3 ta` Settembru 2012 giet intavolata Form I mal-entita` tal-MFSA fejn minn effett tal-10 ta` Awwissu tas-sena 2012 Eamon Diver unilateralment ta notifika li sar l-uniku rapprezentant legali u gudizzjarja tal-kumpannija Spring Fish Co Ltd (Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok FI1) u dan minn effett tal-10 ta` Awwissu tas-sena 2012.*

*5. **ILLI** fl-imsemmi data ta` 3 ta` Settembru tas-sena 2012 giet affetwata wkoll resoluzzjoni extraordinarja fejn gew sostitwiti l-memorandum u l-artikoli ta` assocjazzjoni tas-socjeta` Spring Fish Co Ltd (Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok ER 1 u Dok ER 2.*

*6. **ILLI** minghajr pregudizzju ghal dak premess nonostante li kienu azzjonijiet ta` natura straordinarja, dawn dejjem gew affettwati inkonsapevolezza u a vizzju tal-kunsens ta` Sean McBride.*

*7. **ILLI** fid-data tas-16 ta` Gunju tas-sena 2016, il-konvenut Eamon Diver unilateralment u a vizzju tal-kunsens, tal-imsemmi Sean McBride qabad u ttrasferixxa sehmu tal-ishma tal-kumpannija Spring Fish Co Ltd lil certu Anthony O`Connor (Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok F1)*

*li llum-il gurnata jidher ukoll bhala Direttur tal-imsemmi kumpannija Spring Fish Co Ltd (Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok F1.)*

*8. **ILLI** llum-il gurnata sar maghruf li qeghdin isiru diversi xoghlijiet fuq l-imsemmi bastiment Hermina Berendina bi skop li l-imsemmi bastiment titlaq minn Malta u dana kollu minghajr il-kunsens jew approvazzjoni ta` Sean Mc Bride u konsegwentement a vizzju tal-kunsens tieghu.*

*9. **ILLI** ghalhekk sabiex jipprotegi d-drittijiet u l-interessi tieghi gie ntavolat mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar (mandat numru 1053/16 hawn anness u mmarkat bhala Dok M1) kontra l-bastiment M.V. Berendina Hermina.*

*10. **ILLI** minghajr pregudizzju ghal dak premess, meta dawn l-atti saru maghrufin personalment lil Sean Mc Bride, resident barra minn Malta, dan qabad u gie Malta sabiex imur fuq il-bastiment fejn kellu diversi oggetti u affarijiet personali nkluzi apparat tal-bahar li mhumiex formanti parti tal-assi tal-kumpannija Spring Fish, izda l-imsemmi access gie mpedit minn Anthony Joseph O`Connor bil-konsegwenza ta` liema kellha ssir dina l-kawza.*

*11. **ILLI** dan hu l-uniku rimedju li ghandu l-esponenti fic-cirkostanzi, stante li l-process hawn fuq indikat huwa vvizjat b`nuqqasijiet serji.*

*12. Salv premessi ulterjuri skont il-ligi.*

***GHALDAQSTANT** l-esponenti umilment titlob ghar-ragunijiet sundikati din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara li t-trasferiment tal-ishma li kellu Eamon Diver bhala direttur tal-kumpannija Spring Fish Co Ltd C 44941; ghal Joseph Anthony O`Connor sar b`mod irregolari jew illegali milquta minn vizzju tal-kunsens u minghajr il-kunsens ta` Sean McBride.*

*2. Tiddikjara t-trasferiment tal-ishma li kellu Eamon Diver bhala direttur tal-kumpannija Spring Fish Co Ltd C 44941; lil Joseph Anthony O`Connor bhala null u bla effett.*

*3. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla t-trasferiment tal-ishma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*4. Tordna konsegwentement illi l-partijiet ghandhom jigu mqieghda lura fil-pozizzjoni illi kienu qabel l-imsemmi trasferiment ta` ishma li saru permezz ta` Form F li gie ntavolat l-entita` tal-MFSA fid-data tat-28 ta` Gunju tas-sena 2016.*

*5. Taghti kull dispozizzjoni ohra ancillari u necessarja skont il-ligi illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar `il fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) enumerati 1053/16 u b`rizerva ghal kull azzjoni ohra kontra l-intimati.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici noe.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Eamon Diver fid-19 ta` Settembru 2016 li taqra hekk :–

*1. ILLI in linea preliminari l-insostennibilita` tal-azzjoni attrici stante li hu mankanti mir-rikors promotur tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba kif jiddisponi artikolu 156.1 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta*

*2. ILLI in linea preliminari l-insostennibilita` tal-azzjoni promossa stante li ma hemm l-ebda rabta bejn il-premessi u t-talbiet fis-sens ukoll li taghmilha difficli ghall-esponenti sabiex jiddefendi ruhu kif jixraq ;*

*3. ILLI in linea preliminari l-insostennibilita` tal-azzjoni peress illi l-esponenti ma jistax jiddefendi ruhu sewwa ghal fost ohrajn, allegazzjoni li huwa kkontratta rregolarment, illegalment, bla kunsens u bil-kunsens vizzjat, u dana peress li huma kontradittorji ghal xulxin huwa konfuz liema wahda ser jirribatti ;*

*4. ILLI wkoll in linea preliminari r-rikorrenti jrid jipprova l-interess guridiku tieghu stante li, il-fatt li nbidel socju ma ghandha tohloqlu l-ebda pregudizzju u di piu` l-bidla saret in linea ma dak provdut fl-artikoli ta` assocjazzjoni tas-socjeta`;*

*5. ILLI wkoll in linea preliminari, l-insostennibilita` tal-azzjoni stante illi r-rikorrenti ma jistax jallega vizzju/nuqqas ta` kunsens fuq negozju li ghalih ma kienx kopartecipi ;*

*6. ILLI wkoll in linea preliminari n-nulita` tal-azzjoni stante li t-talbiet huma kontradittorji peress illi azzjoni tista` tkun jew priva mill-kunsens jew kolpita minn vizzju fil-kunsens u mhux it-tnejn kontemporanjement ;*

*7. ILLI fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress li dak kollu mwettaq mill-esponenti, sar bil-fakolta` shiha lilu fdata ai termini tal-artikoli tal-assocjazzjoni tal-istess socjeta`. Di piu` jigi rilevat unikament in linea ta` informazzjoni li dan sar, bhalma jaf ben tajjeb ir-rikorrenti, peress li ma kienx hemm komunikazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-esponenti tul dawn l-ahhar erbgha (4) snin. Tant hu hekk kawza ta` dan tilfu l-istagun tat-ton ghas-sena kurrenti b`telf ta` qliegh ta` circa €90,000.*

*B`riserva ghal kull azzjoni spettanti l-mittenti.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Joseph Anthony O`Connor fl-14 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari, in-nullita` tar-rikors guramentat fl-ismijiet fuq premessi stante illi, filwaqt li t-talbiet ma jsegwux mill-premessi tal-istess rikors, tezisti kontradittorjeta` radikali u rrikonciljabbli fl-ewwel talba, liema nullita` tirrendi nsostenibbli wkoll it-talbiet l-ohra kollha konsegwenzjali. Fi kliem iehor, huwa nkoncepibbli li l-kunsens jigi allegat illi huwa vizzjat meta fl-istess nifs qed jigi allegat ukoll illi ma nghata l-ebda kunsens.*

*2. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.*

*3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju, jigi eccepit ulterjorment illi Sean Mc Bride ma ghandu l-ebda interess guridiku kwalsiasi li jipprocedi b`din l-istanza. Senjatament izda mhux limitatament, l-azzjoni esperita mill-istess attur, intiza sabiex tirrexxindi u tannulla trasferiment bejn terzi ta` ishma li ma jappartjenux lilu, ma hijiex kapaci tipproducilu l-ebda vantagg jew utilita`.*

*4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, it-trasferiment tal-ishma bejn Eamon Diver u l-eccipjenti ma sarx b`mod irregolari jew illegali u ma kien milqut minn ebda vizzju tal-kunsens ta` xi wahda mill-partijiet kontraenti.*

*5. Illi inoltre, dejjem minghajr pregudizzju, il-kunsens ta` Sean Mc ride bl-ebda mod ma kien rikjest sabiex l-ishma ta` Eamon Diver jigu trasferiti lill-eccipjenti.*

*6. Illi t-tabiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2016 fejn tat direzzjoni lill-partijiet illi in vista tan-natura tal-azzjoni, kienu sejrin**

**jigu decizi l-ewwel sitt eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Diver, u l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut O`Connor.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Novembru 2016 fejn il-partijiet iddikjaraw illi ghal dak li jirrigwarda provi dwar l-ewwel sitt eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Diver u l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut O`Connor huma kienu sejrin joqghodu fuq l-atti.**

**Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li saru waqt l-istess udjenza.**

**Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel sitt eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Diver, u dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut O`Connor.**

## II. <u>Ir-raba` (4) eccezzjoni tal-konvenut Diver u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut O`Connor (Karenza ta` interess guridiku)</u>

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet jittrattaw allegata karenza ta` interess guridiku tal-mandant tal-attrici.

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**<u>Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

> *"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Manche` vs</u>***

***Montebello*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet* ***Cortis vs Bonello*** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan linteress jintemm fix-xejn, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Sammut et noe vs Attard*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et****). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet* ***Scolaro vs Bailey*** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera"** din il-Qorti (**PA/FS**) qalet :-

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Tabone et vs Joseph Schembri****, deciza fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet:*

*"Dwar il-kuncett ta` l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li fil-kawza fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe***

*deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista` jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l- Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-nessguridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

*L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta` latturi. (Mattirolo Vol. I pag.50 ; Mortara VoII p.588). Il-Mattirolo f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti ; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta` lazzjoni. L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioe` jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta` L-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta` lattwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta` Frar 1993.*

*Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim`Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Civili deciz fil-15 ta` Dicembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,*** *Prim`Awla Qorti Civili deciz fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-principju gie ribadit fil-kawza* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta` l-attur, izda dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista` tirbah il-kawza u lanqas tista` tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista` jghid li l-interess guridiku :*

*- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*
*- irid ikun dirett*
*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`*
*- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*
*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*
*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet :-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja."*

*Fil-kawza* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta` l-Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar izzerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***"Falzon Sant Manduca vs Weale"****, maqtugha fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Civ. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:*

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri ddomanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew filkonsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja*

*ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawza deciza mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *inghad li:*

*"Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza ohra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li :*

*"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni".*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) - Gurisdizzjoni Superjuri – **PC** – fil-kawza "**Emanuel Portelli vs Paul Said et**" fit-2 ta` Mejju 2012 inghad hekk :-

*"Il-Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser b`mod tassew lucidu x`inhu l-interess guridiku li jrid ikun hemm f`kull kawza bil-mod segwenti:*

*"54. L`azione presuppone il diritto, che essa e` chiamata a tutelare; ma perche` la si eserciti e` mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "l`interesse e` la misura di azione" "point d`interet,point d`action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all`attore che al convenuto:all`articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e` detto che `per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e` necessario avervi interesse`.... l`interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita` di attore,di*

*convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*
*55. E` mestieri dapprima che l`interesse sia diretto, personale, perche` … niuno e` ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L`interese deve in secondo luogo essere legittimo, cioe` confome al diritto di chi sta in causa. L`interesse e` cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l`utile e` distinto dal giusto; l`azione compete soltanto a tutula dei diritti, l`interesse e` la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi` che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d`altri pregiudichi i nostril interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e` injuria datum, se cioe` non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l`interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l`azione. Avvertasi pero` che l`interesse puo` essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche` anche un diritto eventuale puo` essere leso; e la lesione fa sorgere l`interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" ( pag. 50 – 52).*

*Il-ligi procedurali taghna ma tipprovdix artikolu specifiku dwar dan l-interess guridiku f`kawza bhal ma taghmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazzjoni jghidu l-Qrati taghna:*

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e` l`interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche` se l`interesse e` una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l`appello,e` tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"* ***Micallef Goggi vs Armando Mifsud*** *kollez vol. XXVII. I. 507*

*Infatti tezisti gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna dwar l-elementi ta` l-interess guridiku mehtiega f`kull kawza. Hekk insibu jinghad illi:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt gudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta` l-azzjoni (vol. XXXVII. ii. 608); u r-rekwizit ta` l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sedi ta` gurisdizzjoni kontenzjuza (vol. XXVII. i. 507). L-interess hu l-bazi ta` l-azzjoni (vol. XXIX. i. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol. XXX. i. 317). L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni (vol. XXXIII. i. 108; vol. XXXVII. i. 57; XXXVII. ii. 608). Biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittimu u konkret (Vol. XXVIII. ii. 317)." Appell : **Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana** : 3.12.1984 ; vol. LXVIII.ii. 233 ."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti kif presjeduta tat-12 ta` Dicembru 2011 fil-kawza "**Karina Fenech vs Awtorita` tad-Djar et**" inghad :-

*"Huwa principju ewlieni tad-dritt li min jipproponi kawza, irid ikollu interess - (a) guridiku: fis-sens illi d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l- vjolazzjoni tieghu ; (b) dirett u personali : fis-sens li jkun dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, u jkun personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief ghall-azzjoni popolari (li mhix il-kaz tal-lum) ; u (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall- godiment ta` dirett legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.` (**Muscat vs Buttigieg** -Vol. LXXIV.II.481).*

*Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Novembru 2003 fil- kawza "**Formosa Gauci vs Lanfranco et**" il-Qorti tal- Appell elenkat il-principji li jikkwalifikaw dan l-interess-*

*(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali ;*
*(ii) l-istat attwali ta` ksur ta` jedd jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq ;*

*iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l- imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha ;*
*iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l- azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*
*v) l-interess guridiku jrid jibqa` jissussisti tul il- hajja kollha ta` l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekkl-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza ;*
*vi) l-interess ta` l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta` l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat ;*
*vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista` jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament. Madankollu, f`kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista` ssir aktar `il quddiem ;*
*viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, imma jista` jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku ;*
*ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta` l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.”*

Ta` portata simili kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) moghtija fis-26 ta` April, 2012 fil-kawza **<u>“Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et</u>**” fejn inghad hekk :-

*“Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li jipprezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li “biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz” (“**<u>Beatrice Manche noe –vs-</u>***

***<u>Maria Montebello</u>**" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" ("**<u>Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et</u>**" P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta ("**<u>Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et</u>**" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "**<u>Albert Calleja-vs- Orazio Micallef</u>**" A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **<u>"Veronica Farrugia et –vsMary Buhagiar"</u>** (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**<u>Joseph Attard et –vsPaul Baldacchino"</u>** (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

Relattivament ghall-kaz tal-lum, il-konvenut Diver, bir-raba` eccezzjoni tieghu, eccepixxa illi l-mandant tal-attrici kellu jipprova l-interess guridiku tieghu billi bil-fatt li nbidel socju, ebda pregudizzju ma kien sejjer jinholoq lilu ; di piu` l-bidla saret skont ma kien jipprovdi l-istatut tal-kumpannija. Fuq l-istess vena kienet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut l-iehor O`Connor, li mhux biss sahaq illi McBride ma ghandu l-ebda interess guridiku sabiex jippromwovi l-azzjoni izda wkoll illi l-azzjoni tentata u ntiza sabiex tirrexxindi u tannulla trasferiment bejn terzi ta` ishma li ma jappartjenux lilu ma setghet tipproduci l-ebda vantagg jew utilita` ghal McBride.

Din il-Qorti tirrileva illi McBride huwa azzjonista tas-socjeta` in kwistjoni. Ghalhekk ghandu kull interess illi safejn tippermetti l-ligi li jistharreg dak li jigri fil-kumpannija. Jidher illi qieghed jittenta l-azzjoni tal-lum sabiex ihassar trasferiment ta` ishma li sehh bejn l-azzjonist l-iehor u terza persuna li llum sar azzjonist fil-kumpannija. Da parti taghhom, il-konvenuti nsistew li l-fatt li nbidel is-socju l-iehor ma huwiex ta` pregudizzju ghall-attrici noe, kif ukoll li l-ezitu pozittiv ta` din il-kawza mhux ser jirreka xi utilita` jew vantagg ghall-attrici noe.

Minn ezami tat-talbiet attrici, huwa evidenti li huma diretti lejn ir-rexxissjoni u thassir tat-trasferiment tal-ishma minn Diver lil O`Connor. Ma saret l-ebda talba ghat-thassir tal-fatt illi fl-2012 kien hemm bdil fir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija, u li kienu sostwiti l-memorandum u l-articles of association tal-kumpannija, ghalkemm l-attrici tallega li dawn il-fatti sehhew ad insaputa tal-mandant tal-attrici.

Ghal din il-Qorti, l-utilita` ta` l-azzjoni tal-lum ghall-attrici noe hija illi fil-kaz ta` ezitu pozittiv ghaliha, is-sitwazzjoni terga` tirreverti ghal li kienet qabel sar it-trasferiment tal-ishma, u ghalhekk jerga` jidhol fix-xena Eamon Diver li kien l-azzjonist l-iehor li flimkien ma` Sean McBride kien ifforma l-kumpannija. Jista` jaghti lok li McBride ghandu interess li takkwista l-ishma ta` Diver. Ghalhekk seta` kien dak l-isfond ghall-azzjoni.

Din il-Qorti ma tqisx bhala sostenibbli ghall-fini ta` allegata karenza ta` interess guridiku l-argument illi bdil ta` azzjonista mhux se jkun ta` pregudizzju ghall-mandant tal-attrici. Dan qed jinghad ghaliex l-attrici noe ghamlet din il-kawza proprju sabiex tattakka dak li sehh bejn il-konvenuti bil-ghan li ggib lura s-sitwazzjoni li kien hemm qabel. Bhala fatt jidher illi meta McBride kien Malta u ttenta jmur abbord il-bastiment tal-kumpannija, O`Connor ma halliehx jitla` fuq il-bastiment (ara l-ghaxar premessa tar-rikors guramentat). Kostatata tensjoni bejn McBride u O`Connor, il-Qorti ma tistax twarrab bhala inaccettabbli ghall-fini ta` interess rikjest mil-ligi l-argument illi bdil ta` azzjonista kif gara fil-kaz tal-lum ma jgibx pregudizzju ghal McBride.

B`zieda ma` dan, tajjeb jinghad illi fit-tmien premessa tar-rikors guramentat, inghad illi O`Connor kien qed jaghmel xogholijiet fuq il-bastiment *Hermina Berendina* bi skop li dan jitlaq minn Malta. Ghalhekk jidher illi l-kawza tal-lum saret ukoll sabiex izzomm fis-sehh il-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar nru 1053/16. Huwa evidenti illi l-kawza saret ukoll sabiex McBride jkollu kontroll tal-bastiment propjeta` ta` Spring Fish Co Ltd. Huwa minnu li - kif kien sottomess ghal O`Connor – illi McBride kellu rimedji ohra ghad-disposizzjoni tieghu. B`daqshekk pero` ma jfissirx li ma kienx hemm interess guridiku.

## III. <u>L-eccezzjonijiet l-ohra</u>

### 1. <u>Nullita` tar-rikors guramentat u insostenibilita` tal-azzjoni</u>

Din il-Qorti tirriafferma in linea ta` principju illi n-nullita` ta` l-att promotur ta` azzjoni hija sanzjoni estrema li m`ghandhiex tintlaqa` facilment.

Huwa minnu li l-Art 156(1)(a) tal-Kap 12 jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha *"tifsir car u sewwa ta` l-oggett u r-raguni tat-talba*".

L-Art 789 tal-Kap 12 kien emendat bis-sahha tal-Att XXIV tal-1995 sabiex tkun ristretta il-possibilita` illi citazzjoni tigi dikjarata nulla. Infatti kien zdied proviso gdid wara s-subartikolu (1) li jipprovdi :-

*"Izda dik l-eccezzjoni ta` nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), ( c) u (d) ta` dan is-subartikolu ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi."*

Ghalhekk jekk tkun nieqsa minn xi formalita`, dak il-fatt wahdu ma jgibx in-nullita`. In-nullita` eccepita ghandha tkun trattata b`kawtela.

Fis-sentenza li tat fl-4 ta` Novembru 1991 fil-kawza "**Guido J. Vella A & CE vs Dr. Emanuel Cefai**" il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-

> *"Meta f`citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni ta` l-artikolu 156(1)(a), ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita tac-citazzjoni tista` tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat. F`dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista` jkun, ghall-pratticita u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista` jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista` jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta` citazzjoni ghandu jigi mwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullita` ta` l-att gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Kull fejn hemm nuqqasijiet procedurali li m`humiex ta` natura radikali u serja l-Qorti ghandha setgha skond l-artikolu 173 Kapitolu 12 li, in camera, taghti ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa biex tassikura li dak li ghandu x`jaqsam mal-procedura jigi mhares kif imiss."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) tat-28 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**<u>Philip Tabone noe vs Concrete Mix Ltd</u>**" inghad hekk :-

*"Il-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma` dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista` tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha ;*

*Dwar l-element ta` kjarezza fl-Att tac-Citazzjoni, l-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista` tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b`mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha ;*

*Inghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` Citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ;*

*Hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta` konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut ;*

*In-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Normalment, b`dan wiehed jifhem li dak li kellu f`mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-Citazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed `il quddiem fil-kawza, u ghalkemm id-dikjarazzjoni mahlufa hija mehtiega ad validitatem biex ic-Citazzjoni tkun tiswa, dak li jinghad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista` jkun nuqqas fl-Att tac-Citazzjoni, ghalkemm jista` jitfa` dawl fuq il-kawzali u jiccaraha. B`dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka,allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/NC**) tat-22 ta` April 2004 fil-kawza "**Malta Development Corporation vs Paul Licari**" inghad illi :-

*"Il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1995, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi formu li jinutnuh" u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli".*

*In-nullita` tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annulat biss ghal ragunijiet gravi."*

Permezz ta` sentenza tas-26 ta` Lulju 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) - Gurisdizzjoni Superjuri – **AE** – fil-kawza "**Rev. George Aquilina vs Anton F. Attard** irrilevat illi :-

*"Fir-rigward ta` l-ewwel eccezzjoni m`hemmx wisq x` jinghad. Il-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita` tac-citazzjoni ghaliex skond hu qieghed isib ruhu f` diffikulta` li jiddefendi ruhu ghaliex ma jafx minn x` hiex qieghed jilmenta l-attur. Minn qari tac-citazzjoni jirrizulta bl-iktar mod car li l-attur qieghed jilmenta minn dak li ddeskriva bhala `attakki personali diretti u indiretti fil-konfront tal-attur u fuq l-integrita` personali tieghu.`....Il-fatt li fic-citazzjoni l-attur ma semmiex brani minn dan il-kapitlu li fil-fehma tieghu huma ingurjuzi, ma jfissirx li b` daqshekk hemm xi nullita` tac-citazzjoni. Huwa maghruf li citazzjoni m` ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi (ara **Marianna Muscat vs. Dr Joseph Cassar** deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti fid-9 ta` Marzu 1965 – Vol. XLIX.ii.809). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tat-23 ta` Marzu, 2010 fil-kawza "**Carmela Buttigieg et vs Carmen Agius**" inghad :

*Illi l-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li r-Rikors Mahluf ghandu jkun fih tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan*

*ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma` dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista` tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha (Ara, per ezempju, P.A. 5.6.1959 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Sciortino et vs Micallef</u>** (Kollez. Vol: XLIII.ii.748)*

*Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha (P.A. : 14.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet **<u>J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul</u>** (Kollez. Vol: LI.ii.779) u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur (App. Kumm. 20.1.1986 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit noe et</u>**).*

Decizjonijiet ohra fejn l-eccezzjoni tan-nullita` kienet respinta kienu "**<u>Galleria Management Ltd vs Derby International Ltd"</u>** deciza fl-10 ta` Otubru 2003 mill-Qorti ta` l-Appell ; "**<u>Registratur tal-Qrati Superjuri vs Grima Adrian pro et noe</u>**" deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-25 ta` Settembru 2003 ; "**<u>Terry Ltd vs Vica Ltd"</u>** deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-3 ta` Lulju 2002 ; "**<u>George Cauchi vs Arnold Farrugia</u>**" deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-25 ta` Settembru 2003 ; u "**<u>K.B. Real Estate Ltd vs Silvio Felice Ltd"</u>**deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-13 ta` Marzu 2003.

Ghar-rigward tal-kawza tal-lum, din il-Qorti ma tarax li r-rikors promotur kif formulat fih xi haga nieqsa.

Fir-rikors guramentat, hemm tifsira dwar x`kien li gieghel lill-attrici noe tistitwixxi l-azzjoni, u cioe` il-fatt li sar trasferiment ta` ishma fil-kumpannija Spring Fish Co Ltd ad insaputa taghha noe, u li meta l-mandant tal-attrici ttenta jmur abbord il-bastiment proprjeta` ta` l-kumpannija ma thalliex jitla` abbord mill-azzjonista l-gdid.

Il-pretensjoni tal-konvenut Diver illi bir-rikors guramentat kif ifformulat mhux f`posizzjoni li jiddefendi ruhu hija nsostenibbli. Fl-att prezentat mill-attrici noe, hemm spjegati l-ilmenti li ghandu l-mandant taghha. Ghalhekk il-konvenut Diver mhux prekluz milli jressaq dawk l-eccezzjonijiet li jidhirlu opportuni. Fil-fatt hekk ghamel l-istess konvenut. It-talbiet huma dawk li huma ; u minnhom wiehed jiddeduci dak li qed jintalab u cioe` t-thassir tat-trasferiment tal-ishma minn konvenut ghal iehor.

Waqt it-trattazzjoni ta` l-eccezzjonijiet preliminari, sar l-argument illi ma hemmx rabta bejn il-premessi u t-talbiet, peress li fil-premessi jissemmew avvenimenti ohra li pprecedew it-trasferiment ta` l-ishma mertu ta` din il-kawza. Huwa evidenti li l-premessi kienu jikkoncernaw diversi ilmenti dwar avvenimenti li sehhew fi zminijiet differenti mentri mbaghad it-talba ta` l-attrici noe kienet limitata biss ghal dikjarazzjoni ta` thassir kif fuq inghad.

Din il-Qorti tqis illi dak li nghad fil-premessi kien intiz sabiex jaghti lill-Qorti l-isfond fattwali li ppreceda l-grajja li qeghda tigi mpunjata. L-attrici noe fis-sottomissjonijiet taghha spjegat li dak li gara qabel it-trasferiment tal-ishma ssemma biss sabiex il-Qorti jkollha kwadru shih ta` dak li gara. Fil-fehma tal-Qorti, b`daqshekk ma kienx hemm irregolarita` tali li ggib nullita` propju ghaliex it-talba attrici hija cara fis-sens li dak li qed jintalab fil-klawza tal-lum huwa relatat biss mat-trasferiment ta` l-ishma bejn il-konvenuti.

## 2. <u>Nullita` dovuta ghal talbiet kontradittorji</u>

Huwa eccepit miz-zewg konvenuti illi hemm nullita` ghaliex saru talbiet kontradittorji fis-sens illi qeghda tintalab dikjarazzjoni illi dak li sar bejn il-konvenuti ma kienx kontrattat regolarment u kien illegali, minghajr il-kunsens tal-mandant tal-attrici u allura l-kunsens kien ivvizzjat. Li ma kienx hemm il-kunsens tal-mandant tal-attrici huwa kontradittorju u nkompatibbli ma` vizzju tal-kunsens tal-istess mandant tal-attrici. Ghalhekk iz-zewg talbiet ma joqghodux flimkien. Il-kontradizzjoni tinfirex fuq it-talbiet l-ohra.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/LSO</u>**) tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza "**<u>Theresa Chetcuti et vs Maria Carmela Warrington et</u>**" inghad :-

*"Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kodici ta` Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995 kienu intizi, inter alia, proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta` eccezzjonijiet. Tali eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap 12 u l-Qorti tifhem li r-rikorrenti qed jinvoka l-Artikolu 789(1) (c).*

*Fil-fatt l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista` jigi dikjarat null.*
*(1) L-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata jekk:*
*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament*
*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titolb in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort` ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*
*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta` dan is-subartikolu ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*Tifsira tajba ta` din id-disposizzjoni, flimkien ma` l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f`sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino**;" (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30)"*

*L-eccezzjoni ta` nullita` ta` att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`."*

*Illi l-erba` (4) cirkostanzi msemmija f`dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.*

*Ir-rikorrenti ssottomettew li qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fil-parametri tas-subinciz (d) citat hawn fuq u ghalhekk japplika l-proviso ghall-artikolu 789(1).*

*Illi bil-proviso citat il-legislatur jaghmel referenza ghall-artikolu 175 tal-Kap 12.*

*L-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 jaqra hekk:*

*"Il-Qorti tista`, f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma` meta jehtieg il-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq ilmertu tal-kawza."*

*Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni tal-ligi (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza "**<u>Moore noe vs Falzon et</u>**" P.A. 15 ta` Dicembru 1995) kien deciz li –`ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir iccitazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **<u>Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et</u>** PA – 3 ta` Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.*

*Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**<u>Bonnici vs Zammit noe</u>**" deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira ta` l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk-*

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa ficcitazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta` l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) talKap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi*

*mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvneut ikun jista` jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata. "*

*Fil-kaz "**<u>Capua Palace Ltd. Vs Arcidiacono Boris</u>**" deciza fil-31 ta` Jannar 2003, gie ritenut li:*

*"Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova talvalidita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*

*"Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta` konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut". Hekk kif gie ritenut fil-kaz ("**<u>K.B.Real Estate Ltd. vs Silvio Felice</u>**"), P.A deciz fit-13 ta` Marzu 2003:*

*"... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur.....".*

*F`dan l-istess kaz, kompla jinghad hekk :*

*" ... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura lprocedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax issutanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ..."*

*U fil-kaz ("**<u>Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et</u>"** – P.A. – 24 ta` Settembru 2001) intqal:*

*"Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha."*

*"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini talatt li bih ikunu nbdew il-proceduri. B`dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet." (Ara wkoll "**Falzon vs Spiteri et**" P.A. deciza fl-24 ta` Gunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii).*

*Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerc fil-kaz (**Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine**" deciz fl-14 ta` Dicembru 1989:*

*"Illi biex citazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili, in-nullita` trid tkun iddikjarata mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi mehtiega mil-ligi, nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi spressament."*

*Hekk f`dan l-istess kaz, inghad li "jekk ikun hemm talbiet irrikonciljabbli, perezempju talba ghal azzjoni ta` spoll abbinata fl-istess kaz ma azzjoni rei vindicatoria, fejn hu ben saput li fl-azzjoni ta` spoll huma inamissibli provi fil-petitorju, hemm sitwazzjoni ta` talbiet irrikonciljabbli."*

*Il-kwistjoni sollevata mill-atturi fil-kaz in ezami tikkoncerna t-talbiet kunfliggjenti u rrikonciljabbli fit-talba rikonvenzjonali.*

*… Illi fit-tema ta` talbiet diversi gie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta` April 1998 fl-ismijiet "**Frendo Randon noe vs Salomone**:*

*"… meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta` l-azzjoni odjerna dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista` jammetti t-talba ghax ma jkunx jista` jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu talQorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni*

*ma` ohra. Bhal li kieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed meta dan hux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti wahda mill-ohra. Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad azzjoni ma` ohra ... Meta l-pozizzjoni hija tali jirrizulta kjarament illi l-procedura tal-attur kienet wahda irrita u nulla."*

*Illi fil-kaz in ezami, mill-mod kif inhi redatta l-Kontro-Talba, jidher li t-talbiet kif proposti huma konfliggenti u, sahansitra, jista` anke jigi ritenut li talba bbazata fuq obbligazzjoni fiducjarja jew constructive notice tinnewtralizza t-talba ibbazata fuq l-preskrizzjoni akkwizittiva. Inoltre dan hu in vjolazzjoni tal-principju kardinali electam una via non datum recursus ad alter am ghaliex huwa bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin li qed jigu proposti f` kawza wahda u cioe` kawza ibbazata fuq preskrizzjoni akkwizittiva u kawza ibbazata fuq jeddijiet naxxenti minn relazzjoni fiducjarja.*

*Illi bhala principju hu maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn, pero` dejjem kompatibbilment mal-ezigenzi tal-kaz u meta dana lkumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti ghaliex ikun hemm diga l-konnessjoni bejn ir-rapporti intercedenti bejn ilpartijiet. Dawn iz-zewg azzjonijiet, minnkejja dak suggerit fit-trattazzjoni, jinvolvu ezami u provi distinti ghalkemm irrizultat pretiz, t-titlu tal-proprjeta` ikkontestata, hija wahda.*

*Illi izda din il-Qorti hija wkoll konxja tal-linja traccjata fil-gurisprudenza taghna fejn ir-rigorozita formali giet temperata tul is-snin sabiex "issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz". ("**Michael Attard nomine vs Raymond Galea** - Q.A. - deciza fit-12 ta` Mejju 1998) u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita procedurali u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza."("**Aquilina vs Cassar**" – Vol.LXXVI.iv.666). (Ara wkoll "**James Demanuele vs Elena Maria Felice**" P.A. deciza fit-30 ta` April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).*

*Illi ma tistax tiskarta l-fatt li d-difensur tal-intimat ghamel kjarifika fit-trattazzjoni li ttaffi inkompatibbilita` taz-zewg binarji li fuqhom sejjes il-kontro-talba tal-intimati. Din l-ispjegazzjoni hija krucjali ghall-apprezzament li qed taghmel din il-Qorti tal-eccezzjoni sollevata. Fid-dawl ta` din il-kjarifika din il-Qorti, b`accenn lejn il-htiega ta` gustizzja sostantiva, hija disposta li*

*tikkonsidra "…li l-ilment tal-imharrkin ma jaqax fil-parametri ta` nuqqas procedurali, imma wiehed sostantiv. Dan jinghad ghaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta` tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att gudizzjarju …."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti kif presjeduta tat-30 ta` Novembru 2015 fil-kawza "**Paul Bonello et kontra Ramel u Zrar Limited et**" inghad :-

*"Dwar in-nullita` tac-citazzjoni, hemm gurisprudenza kopjuza.*

*Fis-sentenza li tat fil-21 ta` Marzu 1988 fil-kawza "**Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive` Lina Aquilina**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-*

*" … illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi invokata fit-termini ta` lartikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament …*

*kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re `**Teresa Vella vs Salvatore Conti**` (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara `**Savona vs Asphar**` deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti).*

*Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara `**Bonello vs Azzopardi**`, Vol XXXIX.II.556 `**Gerada vs Cassar**`,*

*XXXIV.II.501 ; `**Muscat vs Borg et**`, XXXIX.II.575 u **Demarco vs Fiteni** XLI.II.1035)."*
*Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawza deciza fit-30 ta` Jannar 2001 fl-ismijiet **"Manuel Schembri vs France Cutajar"** spjegat li :-*

*"Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa taloggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn `xi kjarifika li tista` issir dwarhom matul it-trattazzjoni` (**"Raymond Bezzina vs Anthony Galea"** - A. C. 30 ta` Marzu 1998) …*

*Illi gie ritenut illi sabiex azzjoni tigi dikjarata rritwali ghandu jigi determinat li hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk iccitazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b`mod li l-konvenut ikun jista` jigi pregudikat fid-difiza tieghu, u ghal dan l-ezami iccitazzjoni attrici ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha" (`**Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe**` - A.C. 20 ta` Jannar 1986).*

*Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi `il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh` (`**Charles Fino vs Alfred Fabri noe**` - A.C. 28 ta` Frar 1997 ; `**Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et**` - P.A. (R.C.P.) 28 ta` Ottubru 1998 ; `**Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar**` - A.C. 31 ta` Mejju 1996).*

*Illi f`dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta` dak li ntqal fis-sentenza `**Michael Attard nomine vs Raymond Galea**` (A.C. 12 ta` Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m`ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b`mod li f`din lazzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali konfuzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-artikolu 156 (1) tal-Kap 12, billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f`qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu` tpoggi lillgudikant f`sitwazzjoni ta` ncertezza dwar l-indoli*

*veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwara. Dan huwa konfermat bis-sentenza* ***__`Joseph Tabone vs Joseph Flavia`__*** *(A.C. 7 ta` Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li ic-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b`certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu …".*

*Illi pero` kontra dan kollu xorta wahda jipprevali l-principju li l-atti kemm jista` jkun ghandhom jigu salvati entro id-dettami tal-ligi peress li rrigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m`ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta illum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali – `premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni` - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe` esigenza ta` forma li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b`kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni". (****__`Mary Cosaitis vs Mario Muscat`__**** - A.K. 27 ta` Novembru 1990).*

*Madanakollu, huwa sottomess li minkejja li huwa minnu li eccezzjoni ta` nullita` ghandha tigi nterpretata ristrettivament, dan ma jfissirx li ma hemmx cirkustanzi fejn citazzjoni tista` tigi dikjarata nulla. Fejn jidher car li c-citazzjoni hija kuntradittorja, in-nullita` ghandha tigi dikjarata minghajr ezitazzjoni. Dan gie ritenut minn gurisdizzjoni kostanti. Per ezempju, il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 fl-ismijiet* ***__`Teresa Vella vs Salvatore Conti`__*** *irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta` pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut.*

*L-istess ntqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1997 fl-ismijiet* ***__`Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri`__*** *: "In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

*Decizjoni rilevanti ghall-kawza tal-lum hija s-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Jannar 1995 fil-kawza* ***__"Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ruggier noe"__****. Bhal ma gara fil-kaz tal-lum, il-konvenut f`dik il-kawza eccepixxa n-nullita` tac-*

*citazzjoni fuq il-premessa illi t-talbiet u l-premessi kienu konfuzi u konfliggenti. L-eccezzjoni saret abbazi tal-fatt li fl-ewwel tliet domandi, latturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jersaq ghall-pubblikazzjoni ta` l-att finali ghat-trasferiment ta` l-art in kwistjoni, mentri fl-ahhar tlett talbiet intlabet dikjarazzjoni ta` responsabilta`, likwidazzjoni ta` danni, u kundanna ghall-hlas ta` danni minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut li joqghod ghall-obbligi assunti skond il-konvenju. Il-konvenut wiegeb illi kif impostati d-domandi attrici ma setghux iregu flimkien billi d-domandi kienu konfliggenti u joholqu konfuzjoni legali; kwindi kienu proceduralment insostenibbli.*

*Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-nullita` u qalet hekk :-*

*" … L-atturi ma setghux u ma jistghux jippromuovu z-zewg talbiet u z-zewg azzjonjiet f` daqqa wahda, ghaliex, kif imposti minnhom, azzjoni wahda teskludi lill-ohra. L-atturi kellhom jaghzlu. Jekk il-kuntratt ghadu fattibbli allura messhom ghall-ewwel qaghdu fuq l-ewwel talbiet u jekk mhuwiex setghu jaghzlu l-azzjoni tad-danni.*

*Illi kif gie anke ritenut f` sentenzi ta` dawn il-Qrati jekk ara d-decizjoni **`Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S Camilleri noe`** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-19 ta` Jannar 1959 (Vol XLIII-I-55) l-attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet li lilu huma akkordati, necessarjament irrinunzja ghall-ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga` lura fuq il-passi tieghu stess."*

Ta` l-istess portata kienet id-decizjoni li tat din il-Qorti (**PA/LSO**) fis-26 ta` Novembru 2015 fil-kawza "**Nicholas sive Colin Mercieca et vs Grace Vella**" fejn inghad hekk :-

*"Illi l-azzjoni hija improponibbli peress li r-rikors sar in vjolazzjoni tal-principju electam una via non datum recursus ad alteram ghaliex hu bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti, u cjoe` kawza ai termini tal-Artikolu 626(1) u wkoll ai termini tal-Artikolu 627 tal-Kap 16. Izda l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti b`din l-eccezzjoni hija jekk dan jirrisulta u, f`kaz affermattiv, jekk dan ghandux iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni odjerna.*

*Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno….. Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta` korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m`ghandux jitwaqqa` hlief ghal ragunijiet gravi. …..Il-prassi segwita mill-Qrati Taghna, anke a bazi ta` l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap 12 hija li `formalizmu esagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi forom li jnutruh." ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti talAppell – 28 ta` Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro**"- Qorti tal-Appell – 24 ta` Jannar 1994).*

*Fil-kaz "**The Margarine Import Company Ltd. Vs Kontrollur tad-Dwana**", P.A. deciza fit-3 ta` Ottubru 2003, inghad, li skont l-insenjament tal-Laurent (Principii di diritto Civile, Vol.1 par 43) "in nullita: e` un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`."*

Decizjoni ohra relevanti hija dik moghtija minn din il-Qorti (**PA/JPG**) fl-20 ta` Frar 2015 fil-kawza "**Christopher Puglisevich et vs David Gauci et**" fejn inghatat l-eccezzjoni ta` nullita` skont l-Art 789(1)(d) tal-Kap 12 abbazi tal-principju tad-dritt : "*electam una via non datum recursus ad alteram*".

Inghad hekk :-

*"Din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tan-nullita` au termini tal-Artikolu 789 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan l-Artikolu jippreciza erba` (4) cirkostanzi li jimportaw il-piena harxa tan-nullita`. Il-Qorti taghraf illi l-erba` (4) istanzi huma tassattivi, u dana fis-sens illi biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi.*

*Illi l-konvenut Gauci, qanqal l-eccezzjoni ta` nullita` ukoll in vista tal-fatt illi l-atturi ressqu f`kawza wahda zewg (2) azzjonijiet ta` natura guridika ghal kollox diversa wahda mill-ohra : u cioe`*

*azzjoni in linea ta` danni fil-konfront tal-konvenuti Micallef; u azzjoni ghal rifuzjoni fil-konfront tal-konvenut Gauci.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal insenjament moghti fis-sentenza* ***Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech****, deciza fl-24 ta` Settembru 2001, per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef, fejn gew elenkati l-elementi li ghandhom jissussistu fir-rikors guramentat, hekk skond l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, liema elementi, jekk in ezistenza, inaqqsu l-possibilita` illi jippregudikaw il-validita` ta` l-istess, f`kawza fejn jitressqu zewg azzjonijiet separati, dik il-Qorti irriteniet :*

*"Illi issa xieraq li wiehed jara jekk tinholoqx nullita` fejn zewg talbiet guridikament distinti jitressqu f`kawza wahda u sa liema limitu jista` jsir dan bla ma jkun qieghed jinkiser dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, johrog illi (i) l-attur ghandu jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghala jkun qieghed jitlob dak l-oggett; (ii) dak l-oggett u dik ir-raguni jridu kunu mfissrin car u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raguni(jiet) kif premessi fl-att tac-citazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista` ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza."*

*Din il-Qorti b`referenza ukoll ghall-import tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, taghmel accenn ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited****, deciza fit-13 ta` Marzu 2003, mill-per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef:*

*"Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li lpremessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma` dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista` tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha."*

*Dan in-nuqqas irid ikun wiehed ta` certu gravita`. Infatti fis-sentenza fuq citata* ***Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech****, b`referenza ghan-nexus bejn il-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat, gie ritenut:*

*"Illi ghalhekk, citazzjoni m`ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista` jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta` rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta` kjarezza jkun ta` ghamla u kwalita` tali li jcahhad b`mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha." Vide ukoll E. Scicluna vs M. Xuereb et (Kollez. Vol: LI.i.299)*

*…*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dr Rene Frendo Randon noe vs Albert Walter Salomone noe et****, deciza fl-24 ta` April 1998, mill-Qorti ta` l-Appell :*

*" … m`hemm ebda dubbju li fl-att tac-citazzjoni, indipendentement mill-mertu propju in kawza, jidher evidenti li kemm fil-kawzali kif ukoll fid-domandi l-attur appellant hallat zewg azzjonijiet ma` xulxin meta dan proceduralment ma setax jaghmlu. Mhuwiex eskluz li blinkluzjoni ta` numru ta` kawzali u premessi fl-att tac-citazzjoni, ankorke` dawn jistghu jwasslu ghal aktar minn azzjoni wahda, b`dan il-att ma jwassalx bilfors ghan-nullita` tac-citazzjoni. Imma meta tali ambivalenza timmanifesta ruhha ukoll fit-talbiet, allura l-kaz huwa differenti sew."*

*Il-Qorti ta` l-Appell, kompliet tghid :-*

*"Fil-fatt, fil-kaz in ezami hemm izjed minn hekk ghaliex it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` ohra bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti lwahda mill-ohra"….."Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma` ohra"…"Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta` l-attur kienet wahda, rrita u nulla." Vide ukoll fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs Rita Caligari u Emanuel Degiorgio****, deciza fit-13 ta` Frar 2012.*

*Il-Qorti rat u ezaminat il-konkluzjonjiet tal-Perit Legali dwar in-nullita` ta` citazzjoni odjerna u n-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur tat-2 t`Awwissu 2013 u taghraf illi c-citazzjoni odjerna, minkejja n-nuqqasijiet taghha, hija mfassla b`mod li l-persuna mharrka cioe` l-intimati jifhmu l-import ta` tali talba u li jkunu f`qadgha li jiddefendu ruhhom u dana ai termini tal-*

*gurisprudenza citata* ***Lay Lay Company Limited vs Saliba Derek Paul et*** *deciza fl-1 ta` Frar 2010;* ***Bella Hili vs Michael Fenech et*** *deciza fit-13 ta` Frar 2006;* ***Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe*** *deciza fil-20 ta` Jannar 1986; u* ***Joseph Colerio vs Dr. Joseph Ellul*** *deciza fl-14 ta` Frar 1967."*

**Tenut kont ta` dak li kien eccepit, il-Qorti trid tara jekk l-attrici noe ghamlitx tahlita ta` azzjonijiet li ma jistghux jissussistu flimkien b`mod u manjiera li gabet b`idejha n-nullita` sostanzjali tal-azzjoni taghha.**

Minn qari tal-premessi attrici, tajjeb jinghad illi ma sarx uzu felici u korrett tal-frazi "*a vizzju tal-kunsens*".

L-ewwel li tintuza din it-terminologija hija fis-sitt premessa fejn wara li qabel saret referenza ghall-fatt li kien hemm bidla fir-rapprezentant legali u gudizzjarja ta` Spring Fish Co Ltd, u ghas-sostituzzjoni tal-*memorandum* u ghall-*articles of association* taghha, kien premess li ghalkemm dawk kienu "*azzjonijiet ta` natura straordinarja, dawn dejjem gew affettwati inkonsapevolezza u a vizzju tal-kunsens ta` Sean Mc Bride."*

Minn qari ta` din il-premessa, jirrizulta li l-frazi "*a vizzju tal-kunsens"* ma kenitx qeghda tintuza sabiex tfisser vizzju tal-kunsens skont kif ghandu jkun legalment mifhum, izda sabiex tfisser illi l-azzjonijiet saru bla ma kien jaf Sean McBride, u b`dannu u bi pregudizzju ghall-kunsens tieghu, stante li qat ma ta l-kunsens tieghu sabiex dak isir.

L-istess frazi *"a vizzju tal-kunsens"* terga` tintuza fl-istess sens fis-seba` premessa fejn l-attrici noe taghmel referenza ghall-fatt li l-konvenut Diver ittrasferixxa l-ishma tieghi fil-kumpannija lejn il-konvenut O`Connor "*unilateralment u a vizzju tal-kunsens, ta` l-imsemmi Sean McBride".*

Ghal darb`ohra, minn qari ta` din l-premessa, jidher li din il-frazi saret b`referenza ghal Sean Mc Bride u ghall-fatt li dan ma tax il-kunsens tieghu ghat-trasferiment ta` l-ishma.

Din il-Qorti tqis ukoll illi fit-tmien premessa tar-rikors guramentat, bl-uzu tal-frazi *"a vizzju tal-kunsens"* inghad li kienu qed isiru xogholijiet fuq il-il-bastiment *Hermina Berendina* "*minghajr jew approvazzjoni ta` Sean Mc*

*Bride **u konsegwentement a vizzju tal-kunsens tieghu**.”* (enfasi u sottolinjar ta` din il-Qorti).

Ghalhekk anke *prima facie* t-tifsira tal-frazi *“vizzju tal-kunsens”* kienet intiza sabiex tfisser minghajr il-kunsens u approvazzjoni ta` Sean Mc Bride.

Daqstant ghall-premessi.

Nigu ghat-talbiet.

Fl-ewwel talba, l-attrici noe titlob illi jigi dikjarat li t-trasferiment tal-ishma bejn iz-zewg konvenuti *“sar b` mod irregolari jew illegali milqut minn vizzju tal-kunsens u minghajr il-kunsens ta` Sean McBride”.*

Il-kontradizzjoni fit-talba hija evidenti. Min-naha wahda qed jintalab li jigi dikjarat illi l-kunsens ta` Sean McBride kien vizzjat u fl-istess nifs qed jigi nvokat illi Sean McBride ma ta l-ebda kunsens.

Fil-waqt tas-sottomissjonijiet orali, l-attrici noe kkonfermat li b`vizzju tal-kunsens, hija kienet qeghda tirreferi ghal qerq adoperat min-naha tal-konvenuti. Kompliet tfisser illi l-kawza saret peress li ma kienx hemm il-kunsens ta` Mc Bride sabiex isir it-trasferiment ta` l-ishma, kif ukoll ghaliex sar qerq li gab vizzju ta` kunsens.

**Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti taccetta d-difiza tal-konvenuti illi t-talbiet attrici huma kontradittorji u konfliggenti, u dan peress li t-talbiet kif saru ma kienux talbiet alternattivi, izda kienu talbiet li tressqu flimkien fl-istess istanza.**

L-attrici noe kienet prekluza li fl-istess talba, titlob dikjarazzjoni li t-trasferiment ta` l-ishma, li qeghda tattakka l-validita` tieghu, sar minghajr l-approvazzjoni ta` Mc Bride u fl-istess waqt tghid illi kollox sar b` vizzju ta` l-kunsens da parti ta` McBride. Vizzju tal-kunsens b`qerq jimplika li nghata kunsens minhabba l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet u li dawn kienu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta .

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tas-16 ta` Dicembru 1970 fil-kawza "**Josephine Galea et vs AIC Walter Caruana Montaldo**" fejn inghad illi *"d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta` resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih".*

Meta ssir allegazzjoni ta` qerq ikun ifisser li nghata kunsens izda dak il-kunsens ma kienx jinghata li kieku mhux ghall-qerq adoperat.

Fil-kaz tal-lum, indubbjament tissussisti kontradizzjoni u konfuzjoni fl-intier tal-azzjoni attrici ghaliex min-naha l-wahda l-attrici noe tippremetti li t-trasferiment ta` l-ishma sar minghajr ma kien jaf McBride u ghalhekk minghajr il-kunsens tieghu, u fl-istess nifs tippremetti li biex kien hemm it-trasferiment ta` l-ishma kien hemm vizzju tal-kunsens ta` Mc Bride minhabba qerq.

Huwa evidenti ferm li l-attrici ma gharrfitx tiddistingwi bejn il-pretensjoni li McBride ma tax il-kunsens tieghu u l-pretensjoni li sehh vizzju fil-kunsens ta` McBride.

Ghal din il-Qorti din il-konfuzjoni u kontradittorjeta` fl-azzjoni hija hija radikali u tikkostitwixxi pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-azzjoni fil-mertu skont l-Art 789 tal-Kap 12.

**3. <u>Azzjoni ghal rexxissjoni ta` ftehim minn terz</u>**

Il-Qorti tirreferi ghall-hames eccezzjoni tal-konvenut Diver.

**<u>Giorgi</u>** fil-ktieb tieghu "**<u>Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano</u>**" ifisser l-azzjoni ta` rexxissjoni kif gej :-

> *"L`azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell` assunta obbligazione ottenendo l` annullamento, o rescissione che dir si voglia. E` un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile,*

*sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s` impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partoritp veruna obbligazione riconsciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo." (Vol. VIII pap 146 pag 246)*

Sabiex tirnexxi kawza bhal din iridu jikkonkorru tliet kondizzjonijiet:

*"Affinche l` azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizione: (a) che l` obbligazione sia invalida; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene; ( c ) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva." (ibid para 149 pag 251)*

**Pretensjoni ta` nullita` ta` ftehim tista` tigi avvanzata biss minn kontraent mhux minn terzi ghal dak il-ftehim.**

Decizjoni relevanti ghal dan il-kuntest kienet dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) - Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali – **PC** - fit-13 ta` Ottubru 2006 fil-kawza "**Josephine Camilleri vs Eliza armla ta` Carmelo Bugeja et**" fejn l-attrici r-rexxissjoni ta` kuntratt ta` bejgh li kien sar bejn ommha u uhud minn hutha billi ppretendiet illi dak il-kuntratt kien sar bi pregudizzju ghall-jeddijiet taghha.

Kien deciz illi persuna li ma tkunx kompartecipi fil-untratt ma tistax titlob ir-rexxissjoni tieghu.

In sostenn kien citat **Giorgi**.

Il-Qorti qalet hekk :-
*" … fil-kaz taghna l-attrici bl-ebda mod ma jista` jinghad illi kienet partecipi ghall-kuntratt in kwistjoni, u ghalhekk mhux moghti lilha illi titlob in-nullita` tieghu. Naturalment kieku lahqet saret id-donazzjoni imwieghda bil-konvenju ta` l-1 ta` Mejju 2002, u allura l-attrici kienet tkun il-proprjetarja ta` l-*

*ispazju zejjed li gie trasferit lill-konvenuti konjugi Buttigieg, kien ikollha ghad-dispozizzjoni taghha l-azzjoni rivendikatorja, imma dan mhux il-kaz hawnhekk. Fil-fehma ta` din il-Qorti l-uniku rimedju disponibbli ghall-attrici f` sitwazzjoni simili fejn it-trasferiment tal-proprjeta` tkun lahqet saret lil terzi, hija kawza ghad-danni, bhal ma huwa l-kaz f` weghda ta` bejgh, meta l-bejgh ma jkunx jista` izjed isir....Ghal dawn il-motivi u peress illi gie deciz illi l-azzjoni kif proposta mill-attrici mhix legalment konceppibbli, tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici, salv u mpregudikata pero` kwalunkwe azzjoni ghad-danni lilha spettanti."*

Sentenza ohra hija dik li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) - Gurisdizzjoni Superjuri – **<u>PC</u>** – fit-12 ta` Jannar 2010 fil-kawza "**<u>Raymond Debrincat noe vs Angelo Cefai noe et</u>**".

Hemm l-azzjoni kienet respinta abbazi ta` azzjoni bhal din tal-lum.

Is-sentenza kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza taghha tat-28 ta` Gunju 2013 fejn kienu citati brani minn **<u>Giorgi</u>** u nghad hekk :-

*"Fil-ligi taghna, l-istitut tar-rexxissjoni huwa regolat bl-artikoli 1209 sa` l-artikolu 1231 tal-Kap. 16. Dwar l-azzjoni ta` rexissjoni, insibu illi: "Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa`, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni."*

*... Huwa mal-ewwel evidenti ghalhekk mit-tieni kundizzjoni mehtiega f`kawza ta` nullita`, illi din tista` tiãi pereepita biss minn xi hadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi.*

*"L`azione di nullita` o rescissione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, che si obbligo` invalidamente o fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregudicevoli dell`assunta obbligazione ottenendone l`annulamneto, o rescissione che dir si voglia ...Quel solo contraente che stipulo` senza capacita` sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza, o dolo, puo` fare pronunciare la nullita`." Imma fil-kaz taghna l-atturi nomine bl-ebda mod ma jista` jinghad illi kienu partecipi fil-kuntratt in kwistjoni, ghax fil-kuntratt in*

*kontestazzjoni dehru biss is-socjeta` Ta` Frenc Real Estate Limited, kif rapprezentata mill-konvenuti nomine, bhala vendituri u l-konvenut Chapman bhala kumpratur, u ghalhekk skond dan it-taghlim, mhux moghti lilhom il-jedd illi jitolbu n-nullita` tieghu.*

*Fin-nota ta` l-Osservazzjonijiet taghhom l-atturi nomine jikkontendu, b`referenza ghal din l-eccezzjoni, illi d-dottrina hawn fuq citata tapplika ghal kawzi ta` nullita imma mhux ukoll ghal dawk ta` rexxissjoni, bhal ma ghandna fil-kaz in ezami. Jghidu ghalhekk illi tezisti distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet u jsostnu illi "filwaqt li per ezempju l-azzjoni ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` jew tal-annullament ghandha bhala fondament in-nuqqas ta` xi kundizzjoni rikjesti tassativament mil-Ligi ghal validita` tal-att, u ghalhekk bl-azzjoni ta` nullita` dak li jkun ikun qed jimpunja l-att minhabba nuqqas ta` kapacita` ta` xi hadd mill-kontraenti, jew minhabba xi vizzju fil-kunsens, l-azzjoni ghar-rexxissjoni ghandha bhala fondament il-lezjoni, il-pregudizzju li johrog minn dak l-att u l-infrazzjoni li tkun qed issir ghal min jipproponi l-azzjoni, minkejja li l-att li tieghu qeghda tintalab ir-rexxissjoni ghandu r-rekwiziti kollha mehtiega ghal validita` tieghu mil-ligi u mid-Dritt Pozittiv." Infatti jiccitaw bran mil-Laurant fejn isemmi li fid-dritt l-antik ta` qabel il-Code Napoleon kienu jezistu dawn iz-zewā azzjonijiet. Ma jghidux pero` illi l-istess awtur jghid illi dawn l-azzjonijiet kienu wahda ghan-nullita` tal-kuntratti minhabba xi nuqqas ta` kondizzjoni mehtiega ghall-validita` u l-ohra ghar-rexxissjoni minhabba lezjoni, u li llum din id-distinzjoni ma baqghetx tezisti.*

*Fi kliem il-Laurant: "Il codice annovera fra le cause che estinguono le obbligazioni l`azione di nullita` o di rescissione. Cio` suppone che si tratti di una obbligazione annulabile o rescindibile. Vi e` differenza fra questa e quella? Nell`antico diritto ve ne erano di assai rilevanti. Leesporremo brevemente, perche` questa materia non presenta ormai piu` che un interesse storico. Si faceva luogo all`azione di nullita` allorche` la nullita` era pronunciata dalle ordinanze o dalle consuetudini; mentre la rescissione era accordata nei casi in cui nessuna legge positiva dichiarava nulla la convenzione. Valida giusta il rigore del diritto, la obbligazione nondimeno era rescindibile, perche` feriva l`equita`: tali erano le convenzioni viziate dall`errore, dalla violenza, dal dolo, dalla lesione. Ecco l`interesse pratico di questa distinzione. Le azioni di nullita` erano portate immediatamente innanzi ai tribunali competenti, mentre l`attore in rescissione*

*doveva, prima di adire l`autorita` giudiziaria, provvedersi di lettere di rescissione, le quali si rilasciavano, in nome del Re, dai cancellieri addetti ai parlamenti." ((F. Laurant : Principii di Diritto Civil vol. XVIII (2 da edizione italiana)*

*Imma, kif gia nghad, illum din id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet ma baqghetx tezisti. "Il codice civile equipara l`azione di nullita` a quella di rescissione, per meglio dire, non vi sono piu` due azioni, ma soltanto una, che la legge qualifica indifferentemente azione di nullita`, o azione di rescissione. Gli e` in forza di cio` che la nostra sezione ha per titolo: Dell`azione di nullita`, o azione di rescissione. La legge non dice delle azioni: ve n`e` dunque soltanto una... Non vi e` del resto nei nostri codici alcuna traccia di una differenza fra le due azioni."*

*Ikompli jispjega l-istess awtur illi: "La frase azione di rescissione ha dunque due significati nel codice: essa e`, in generale, sinonima di quella di nullita` quando si tratti di domandare l`annullamento di un atto per una causa qualunque, eccetuata la lesione; e si adopera altresi in un senso piu` ristretto, per designare esclusivamente l`azione fondata sulla lesione. Presa in quest`ultimo senso, essa differisce da quella di nullita` sotto due rapporti: in quanto concerne la prova da fornirsi dall`attore ed in quanto riguardi i diritti del convenuto."*

*Dwar il-kondizzjoni li din l-azzjoni tista` ssir biss minn min kien parti ghall-kuntratt kontestat jigi mghallem fid- Digesto Italiano illi:*

*"Un`altra condizione, perche` sia utilmente esperibile l`azione da noi studiata, e` che dessa sia promossa dall`una delle parti contro l`altra. Questa condizione e` intimamente legata a quella gia enunciata, che si tratti di un`obbligazione contrattuale, tanto che puo` affermarsi che desse formino una sola condizione. Infatti, se l`articolo 1300 (l`azzjoni rexxissoria) non e` applicabile, come abbiamo dimostrato, che ai casi in cui l`annulamento e` proposto contro un contratto, ne deriva che l`articolo stesso non trova applicazione se non quando una parte agisca contro l`altra. Difatti un atto giuridico non puo` avere carattere di contratto se non per coloro che vi figurano come parti, per i terzi costituisce una res inter alios acta. Lo dice l`articolo 1130(10) del nostro codice, (identiku ghall-artikolu 1001 tal-Kodici taghna): `I contratti non hanno effetto che fra le parti contraenti; essi non pregudicano, ne` giovano ai terzi fuorche` nei casi stabiliti dalla legge.` Essi,*

*quindi, in rapporto ai terzi non sono che semplici fatti, contro i quali, ove lo riescano pregudizievoli, possono esercitare un`azione derivante dalle disposizioni generali di diritto contenute negli art. 1152 e 1153 del codice (u cioe` ghad-danni) ...*

*E` questo un principio incontestabile, che bisogna tener presente nella risoluzione dei casi in cui possa dubitarsi se ricorra o non l`applicazione dell`azione rescissoria.*

*Cosi` non potra` valersi di tale azione chi non e` parte in un contratto ed intende far annulare questo per simulazione o dolo; a lui sara` concesso un`azione di annulamento, ma questa non sara rescissoria, (l`azzjoni pawljana)...". 15 Digesto Italiano vol. XVI, voce "Nullita` o Rescissione (azione di)" para 38 pag. 545 .*

*L-istess, il-ligi taghna ma jidhirx li taghmel ebda distinzjoni bejn l-azzjoni rexxissorja u dik ghan-nullita`. Infatti tittrattahom ukoll bhala azzjoni wahda fl-artikoli 1209 -1231 tal-Kap. 16. Sinjifikanti hafna illi fl-artikolu 1209(1) tirreferi ghall-effett li tali rexxissjoni jkollha fuq il-partjiet. Hekk ukoll fis-subinciz (2) u (4) ta` l-istess artikolu terga` ssemmi l-parti. Imkien ma hemm ebda indikazzjoni li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minn terzi estranei ghall-kuntratt.*

*Imbaghad ir-ragunijiet li ghalihom tista` tintalab tali rexxissjoni skond din it-taqsima tal-Kodiei Civili huma biss in-nullita` minhabba n-nuqqas ta` xi wahda mill-kondizzjonijet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa` jew li l-ligi tiddikjara espresament li hu null, inkella (b) il-lezjoni f`kaz ta` minuri.*

*Minn dan kollu huwa evidenti ghalhekk illi gialdarba llum d-distinzjoni bejn l-azzjoni rexxissorja u dik ta` nullita` li ttentaw jipproponu l-atturi nomine in gustifikazzjoni tal-kawza prezenti taghhom, ma fadlilha ebda sinjifikat fid-dritt pozittiv kontemporanju, la f`dak kontinentali u wisq inqas f`dak taghna, jigi li l-konvenuti Cefai u Attard nomine kellhom raāun iqajjmu din l-eccezzjoni ulterjuri taghhom li ghandha ghalhekk tigi milqugha.*

*Ghal dawn il-motivi u peress illi gie deciz illi l-azzjoni kif proposta mill-atturi nomine mhix legalment koncepibbli,tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tilqa` l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Cefai u Attard nomine dwar in-nuqqas ta` interess guridiku ta` l-atturi nomine peress li kawza ta` nullita` jew rexxissjoni ta` kuntratt*

*tista` tigi percepita biss minn xi hadd mill-partijiet kontraenti u mhux ukoll minn terzi u ghalhekk bhala tali l-azzjoni proposta mill-atturi nomine mhijiex legalment koncepibbli, tichad it-talbiet attrici, salv u mpreudikata pero` kwalunkwe azzjoni ghad-danni jew mod iehor lilhom spettanti."*

Sentenza ohra kienet dik li tat din il-Qorti **(PA/AE)** fis-16 ta` Dicembru 2011 fil-kawza "**Central Mediterranean Development Corporation vs Direttur tal-Ufficju Kongunt et**" fejn inghad hekk :-

*"Il-principju generali hu li kuntratt li fih persuna ma tkunx parti, hu res inter alios acta ghaliha. Dan il-principju hu rifless fil-Kodici Civili:-*

*§ Artikolu 992(1) "Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta` ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.";*
*u*
*§ Artikolu 1001 "Il-kuntratti gandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta` hsara jew ta` gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi."*

Il-Qorti kompliet tispjega li l-attrici m`ghandha l-ebda dritt (*locus standi*) timpunja l-validita` tal-kuntratt. Ghalhekk laqghet l-eccezzjoni.

Fil-kaz tal-lum, it-trasferiment tal-ishma sar bejn il-konvenuti.

Ma tressqet l-ebda prova li turi illi Sean McBride kien partecipi ghat-trasferiment tal-ishma.

Fil-fatt irrizulta li l-ishma ta` McBride baqghu dawk li kienu.

Lanqas ma tressqu provi fis-sens illi l-kunsens ta` Sean Mc Bride kien rikjest sabiex isir trasferiment ta` ishma bejn il-konvenuti.

L-insenjamenti gurisprudenzjali fuq citati jghoddu kollha kemm huma ghall-kaz tal-lum.

Ghalhekk l-attrici noe kienet prekluza milli tavvanza l-azzjoni kif dedotta.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddecieda billi :-**

**Tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba` eccezzjonijiet tal-konvenut Eamon Diver.**

**Tilqa` t-tielet, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Eamon Diver.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut Eamon Diver.**

**Tichad dik il-parti tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut Joseph Anthony O`Connor fejn kienet eccepita l-karenza ta` interess guridiku.**

**Tilqa` l-bqija tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut Joseph Anthony O`Connor.**

**Tilqa` l-ewwel u it-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Anthony O`Connor.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut Joseph Anthony O`Connor.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-attrici nomine.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**